Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

It- Tnejn, 11 ta' Marzu 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Joseph Debono- Viċi Sindku

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camilla Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.14pm

**67.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

67.1.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-Kunsilliera C. Scerri ma setatx tattendi peress li kienet indisponibbli.

67.1.2 Il-Kunsill aċċetta l-assenza tagħha.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

67.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal-Sitta u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

67.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**67.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

67.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li saret l- laqgħa mas- Segretarju Parlamentari l-Onor. Zerafa Civelli fejn għal din il-laqgħa kien hemm prezenti il- Minority Leader s- Sinjura MA Sultana. Waqt din il-laqgħa ġiet diskussa l-possibilita' li l-art tal-Lands li tinsab biswit l-Istazzjon tingħadda lil Kunsill biex ssir car park.

67.3.2 Is- Sindku ġie nfurmat mir- Reġjun Punent li fil-ġimgħat li ġejjin ser jiġu nstallati is- CCTV cameras.

67.3.3 Is- Sindku infuma lill Kunsill li ser jinħarġu zewġ sejħiet għal- offerti għal installazzjoni ta' dawl ġdid ġewwa Howard Gardens kif ukoll installazzjoni ta' CCTV's ġewwa l-istess ġnien.

67.3.4 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li wara l-laqgħa li kellu mas- Segretarju Parlamentari l-Onor. Glen Beddingfield, bħala Kunsill ġejna nfurmati li ser ningħataw zewġ magni tal-ħasil tat-toroq mid- Dipartiment ta' l-Ndafa Pubblika, fejn waħda minnhom ser tkun mħaddma minn inpjegat ta' l-istess dipartiment u l-oħra tkun robotic.

67.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li bħala Kunsill ngħatajna mir- Reġjun Punent, tletin pots tal-fjuri biex jitħawlu ġewwa l-lokalita'

**67.4 Sejħa għal offerti- Parks and Gardens MLC 03-2023- Aġġudikazzjoni**

67.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda rapport tal- Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerti li ġew sottomessi u li ġew evalwati mill-istess Bord.

67.4.2 Għal dan is-servizz il-bord kien qed jirrikomanda li l-kuntratt jingħata lil Carmel Mifsud fejn s-somma annwali tlaħħaq s-somma ta' € 25,200 fis-sena. L-offerta li ntefgħet kienet amministrittivament, teknikament u finanzjarjament konformi.

67.4.3 Il-Kunsill approva din ir-rakkomandazzjoni nem-con.

**67.5 Sejħa għal offerti- Street Sweeping MLC 04-2023- Aġġudikazzjoni**

67.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda rapport tal- Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerti li ġew sottomessi u li ġew evalwati mill-istess Bord.

67.5.2 Għal dan is-servizz il-Bord kien qed jirrikomanda li l-kuntratt jingħata lil Carmel Mifsud fejn s-somma annwali tlaħħaq s-somma ta' € 24,500 fis-sena. L-offerta li ntefgħet kienet amministrittivament, teknikament u finanzjarjament konformi

67.5.3 Il-Kunsill approva din ir-rakkomandazzjoni nem-con

**67.7 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

67.7.1 Ma kien hemm ebda ilmenti jew items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill.

**67.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

67.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 11 ta' Marzu 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 14,426.13

67.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**66.9 Tmiem tal- Laqgħa**

66.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.28pm u ġiet aġġornata għas-15 ta' April 2024 fit-3pm

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___15 ta' April 2024__